A.L. 19 ta' l-1993

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, għall-Ħruġ ta' Lm28,067,000 7% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2003

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) u bis-subartikolu 6(1) ta' l-Att ta' l-1992 dwar Proprjetà ta' Entijiet Ekklesjastiċi, u bis-saħħa tal-Ftehim magħmul bejn is-Santa Sede u Malta, iffirmat fit-28 ta' Novembru, 1991, kif jidher fl-Iskeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1992 dwar Proprjetà ta' Entijiet Ekklesjastiċi, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm28,067,000 7% *Stock* tal-Gvern ta' Malta direttament lill-Entijiet Ekklesjastiċi kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-i*stock*.

1. L-i*Stock*, li jista' jiġi negozjat u li hu ħieles mit-taxxa fuq dokumenti jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata lill-Entijiet Ekklesjastiċi f'ammonti li jidħlu eżatt bil-100 fit-18 ta' Frar, 1993.

Rata ta' imgħax u dati tal-ħlas.

2. L-imgħax kollu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-18 ta' Frar u fit-18 ta' Awissu ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas taż-żmien bejn id-19 ta' Frar, 1993 u t-18 ta' Awissu, 1993 isir fit-18 ta' Awissu 1993. Ir-rata ta' l-imgħax għandha tiġi riveduta malli jiskadi kull perjodu ta' sentejn, li jibda għaddej mid-data tal-ħruġ ta' l-i*Stock* imsemmi, b'mod li r-rata tinżamm b'punt wieħed perċentwali inqas mill-ogħla rata ta' self normali permessa bil-liġi, b'dan illi r-rata ta' l-imgħax ma tkunx inqas minn 7%.

Ħlas ta' imgħax isir b'*warrant*, li jintbagħat bil-posta, b'riskju tad-detentur ta' l-i*Stock*, lid-detentur ta' l-i*Stock* innifsu jew lil xi fergħa ta' xi bank lokali, persuna jew għaqda ta' persuni li lilhom id-detentur ta' l-i*Stock*, b'talba magħmula bil-miktub lill-*Accountant General*, ikun awtorizza lill-*Accountant General* biex joħroġ dak il-*warrant*. Ebda *warrant* ma għandu jitħallas sakemm ir-riċevuta relattiva ma tkunx ġiet iffirmata bil-miktub u dik ir-riċevuta tkun ħelsien sħiħ lill-*Accountant General* u lill-Gvern għal dak il-ħlas. F'każijiet meta *Stock* ikun reġistrat fl-ismijiet ta' żewġ persuni jew iżjed bħala kodetenturi ta' *stock*, l-*Accountant General* jista' jagħmel ħlas bil-mod kif imsemmi lill-persuna li isimha jidher l-ewwel fir-reġistru. Riċevuta għall-ħlas ta' imgħax mogħtija minn wieħed miż-żewġ kodetenturi jew iżjed ta' *Stock* għandha, kemm-il darba ma jkunx ġie riċevut mill-*Accountant General* avviż bil-miktub fil-kuntrarju mingħand xi kodetentur ieħor ta' *Stock*, tkun ħelsien sħiħ lill-*Accountant General* u lill-Gvern għall-ħlas ta' dak l-imgħax.

Negozju fil-Borża ta' Malta.

3. Issir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitpoġġa fuq il-lista uffiċjali w in-negozju tal-Borża ta' Malta, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, Kap. 345.

Dawn l-i*stocks* jistgħu jinbiegħu liberament lill-pubbliku bl-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Konferenza Episkopali Maltija sa valur nominali totali li ma jkunx aktar minn Lm5,000,000 f'kull sena u jekk ikun ammont iktar minn hekk, bl-awtorizzazzjoni tal-Ministru tal-Finanzi. Dak l-i*Stock* jista', madankollu, jiġi negozjat bejn l-Entijiet Ekklesjastiċi barra mill-Borża ta' Malta, ma jeħtieġx l-awtorizzazzjoni msemmija, ma jitqiex fil-komputazzjoni tas-somma totali li tista' tiġi trasferita ta' kull sena, u jkun eżentat mit-taxxa fuq dokumenti.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-ammortizzament.

4. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm250,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jinfeda l-i*Stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien tliet snin mit-18 ta' Awissu, 1993.

Stock għall-kariku tad-dħul ġenerali u attiv tal-Gvern.

5. L-i*Stock* u l-imgħax fuqu ikunu għal kariku tad-dħul ġenerali u ta' l-attiv tal-Gvern ta' Malta.

Fidwa ta' *Stock*.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi bi "premium" ta' 10% fuq il-valur nominali f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 2003 u l-31 ta' Diċembru, 2003 (iż-żewġ dati magħdudin) kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta tal-Gvern.